TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 243/16/F

**Anthony Buttigieg**

**vs**

**Orange Travel Group Ltd.**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), rappreżentanti vjaġġ fuq vapur li kien hemm ħafna problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi fost l-ilmenti oħra kien hemm l-istat tal-gallarija bagħtut ħafna, is-siġġu ta' barra kien imqatta', il-kxaxen kienu mingħajr id-dahar ta' wara, is-safe kien imkisser, it-toilet kien miżdud, is-saqqu kien diżastru u l-kamra ma kinitx tkun ippreparata u fir-restaurant kien hemm ħafna sħana għax l-air condition ma kienx qed jaħdem. U fil-fatt meta waslu fil-port ta' Stravanger il-vapur inkalja u qagħdu fuq il-vapur waqt li bdew isewwuh u tilfu jumejn mill-cruise sakemm issewwa.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi vera kien hemm problema bit-toilets, u fejn kienu bilqegħda fir-restaurant vera ma kienx hemm air condition, u li l-vapur vera inkalja u tilfu żewġt ibliet li kellhom imorru.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li fuq ammissjoni stess tas-soċjeta' ntimata kien hemm diversi nuqqasijiet u l-agħar ħaġa kienet it-trauma li għaddew minnha meta inkalja u tilfu jumejn mill-cruise.

It-Tribunal, jinnota għalhekk illi r-rikorrenti ma kinux ikkumpensati biżżejjed.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**